# In-Nar: Dari u Llum



Kitba ta' Joe Theuma

In-nar dari u llum kien u għadu jsir f'pajjiżna b'rabta sħiħa mal-festi Maltin li jsiru f'ġieħ il-qaddisin f' diversi bliet u rħula f'Malta u Għawdex. In-nar kien u għadu parti integrali mill-festa Maltija. Xogħol tan-nar ieħor issir f'okkażjonijiet u kultant xi arrenamenti oħra. Però l-appuntament ma' l-istaġun tal-festi huwa wieħed fis u mistenni minn kulħadd.

Bejn dari u llum suppost ma hemmx differenza fejn tidħol l-ispiritwalità tal-festa. Ngħid hekk għaliex nemmen li l-iskop komuni għax-xogħol tan-nar fil-festi tagħna kien u għadu jkun li nagħtu ġieħ lill-qaddis/a li l-festa tiegħu/tagħha qed tiġi ċċelebrata. Jekk ma jkunx hekk inkunu qed nisservew biss bil-festa. B'hekk niġu bħal ħafna pajjiżi madwar id-dinja li jaħarqu n-nar fl-ewwel tas-sena. Tradizzjoni ta' ċelebrazzjoni li ma ġġiegħlek tħoss xejn ġo qalbek.

Dari ma kellhomx il-mezzi li għandna llum biex jaħdmu n-nar. Barra minn hekk kienu jaħdmu ftit nar għaliex flus fl-idejn ma kienx hawn wisq. Il-Malti minn dejjem ħabbu n-nar u dejjem ikkontribwixxa kemm seta'. Fabbriki ma kienx hawn ħafna. Fejn l-iżjed kien hemm festi b'saħħithom aktarx li dawn kellhom fakkrika tan-nar tagħhom.

Ma ninsewx li l-perm ta' dan ix-xogħol kienet dejjem il-festa tal-qaddis. Id-dilettant Malti dejjem ried jitgħallem iżjed fuq dan ix-xogħol tan-nar. Saħansitra min kien tat-tajjeb kienu jġibu nies Taljani biex juruhom kif jaħdmu aħjar. Dawn kienu influwenzaw ħafna lid-delettant Malti. Però l-Malti ħareġ l-karattru tiegħu fix-xogħol tan-nar. Dan kien iż-żmien ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Sa kemm reġa' rkupra wara l-gwerra laħqu l-bidu ta-snin ħamsin.

Ix-xogħol tan-nar jinqasam f'żewġ tipi, dak ta' l-ajru u dak ta' l-art. Maż-żmien dan ix-xogħol beda jiġi żviluppat b'ċertu sengħa li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien,ix-xogħol Malti ħa timbru ta' karattru uniku internazzjonali.

L-għeruq ta' dan ix-xogħol nafuh lil dawn in-nies li ġew ħafna qabilna. Kellna numru ta' inċidenti matul dan iż-żmien u wieħed ma ridx jinsa dawn is-sagrifiċċji li għaddew minnhom ta' qabilna.

Kont ħabib ta' wieħed anzjan minn Ħal Balzan ċertu Ġużeppi Azzopardi. Dan kien irrakkontali kif fis-sena 1938 kien mar Catania ġo Sqallija ħdejn Antonio Balzano. Dan mar biex jixtri mingħandu xi riċetti. Dan Balzano qabel kien hawn Malta ma' ta' Birkirkara. Dak iż-żmien kien ħallas ħafna flus għalihom. Dawn kien użahom meta ġew il-qniepen tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan.

Niftakar ukoll anzjan ieħor ġar tagħna, Karmenu Farrugia jirrakkontali kif fiżmien bejn l-

1920 u 1930 ma kienx jistgħu jinħarqu murtali tal-bomba bit-tir min ġo kanna. Minflok kienu jagħmlu razzi (rockets) u fuq kienu jpoġġu bomba. Xi ħaġa oħra li rajt tinbidel kienu l-maskli. Dawn niftakarhom sewwa fuq iz-zuntier tal-knisja. Għadni niftakar nara lil Pietru is-Saħħarin jikkarga l-maskli f'kamra żgħira taħt iż-żerżieħa fuq iz-zuntier. Kien ikollu kaxxa tal-gallettini bil-porvli u barmil xaħħx tal-franka. Dawn il-maskli spiċċaw meta daħlet il-musketterija. Din l-imbierka musketterija ħalliet nies b'tifkiriet koroh. Dawn kienu ż-żminijiet ta' bejn 1950-1960.

F'dawn l-aħħar erbgħin sena l-ħajja soċjali saret talli li l-poplu iżjed beda jikkontribwixxi biex jagħmel festi kbar. Festa ssir dejjem għax il-poplu tal-belt jew raħal idaħħal idejh fil-but u jagħti sehmu biex issir il-festa.

Fl-opinjoni tiegħi n-nar kif nafuh illum beda jiżviluppa mis-sena taċ-Ċentinarju Pawlin 1960. Dan ix-xogħol kien inħadem mid-ditta Viola ta' Catania. Dan ix-xogħol ħalla influwenza kbira fuq id-dilettant Malti.

Kemm ix-xogħol ta' l-ajru u dak ta' l-art beda jieħu xejra oħra. Xejra iżjed spjegata. Fix-xogħol ta' l-ajru li jinħaraq bin-nhar beda jidħol ħafna logħob. Illum dan ix-xogħol huwa, kif dejjem għidt u nibqa' nsostnih uniku fid-dinja ta' l-arti piroteknika.

Xi ħaġa oħra li influwenzat lill-pirotekniku Malti, maż-żmien kienet l-kuntatti li beda jkun hemm ma' pajjiżi oħra fosthom l-Amerika. Min hawn bdew ġejjin kotba u anke korrispondenza ma' nies barranin fuq dan ix-xogħol. L-ikbar spinta 'l quddiem għall-għarfien tax-xogħol Malti kienet meta Malta għamlet isem f'kompetizzjonijiet barra minn xtutna. Qiegħed nirreferi għall-Kamra tan-Nar San Mikiel ta' Ħal Lija u Briffa *Fireworks*. Dawn meta rebħu l-kompetizzjoni ta' Monaco. Minn dakinhar 'l hawn id-dinja tal-Piroteknika riedet tkun taf iżjed fuq ix-xogħol Malti.

F'dawn l-aħħar żminijiet sirna nużaw materjali differenti minn qabel. Dawn huma aktar stabbli u jagħtu riżultati isbaħ. Illum tara varjetà kbira ta' kuluri sbieħ. L-antiki kienu jbatu biex jaħdmu l-porvli fil-mehries. Illum għandha l-bettija bil-mutur u aktar riċenti magni oħra biex naħdmu l-porvli.

Issa għandha wkoll presses biex nagħmlu l-istilla. Qabel din kienet issir bl-idejn waħda, waħda. B'hekk ix-xogħol sar aktar ħafif u b'anqas tbatija. B'hekk il-kwantità tiżdied. Permess ta' dawn il-mezzi llum jistgħu jiġi organizzati spettakli tan-nar mill-isbaħ. F'dawn l-aħbar snin bdejna naraw xogħol tan-nar mal-mużika.

Missejt bħar-riħ x'sar dari u x'qiegħed issir illum. Għal għadha x'hemm? Jiena nara li hemm theddida serja mhux għal fejn jinħadem in-nar, imma minn fejn jinħaraq. Huma ħafna l-postijiet li spiċċaw minn fejn kont tara n-nar mill-pjazza tal- knisja. Dejjem dawn il-postijiet jitbiegħdu. Għalhekk ngħid li n-nar huwa parti mill-kultura tal-poplu Malti. Dan għandu jiġi mħares bħal kull kultura u tradizzjonali oħra tagħna l-Maltin. L-istess responsabiltà rridu nħarsu kull tradizzjoni ħajja. L-ebda ċifra ma tista' tixtri jew tieħu post il-kultura u tradizzjoni ta' poplu.

Iżjed 'il fuq għidt li jekk nisservew bil-festa tal-qaddis inkunu bħal dawk li jiċċelebraw xi anniversarju jew ħaġa oħra. Il-festa tagħna hija differenti minn hekk. Biex taħdem għall-festa trid tkun impenjat tul is-sena kollha. Trid tkun tħossok emozzjonat li b'dak li qed tagħmel qiegħed tagħti ġieħ lil xi ħadd ħafna aqwa minnek. Hawn tidħol ir-rabta spiritwali li l-festi tagħna ġew imsawrin fuqha. L-għeruq tal-festa Maltija kienu bdew biex nagħtu ġieħ lill-qaddisin u hekk nemmen li għandhom jibqgħu jkunu. Id-dilettant ta' dari, persważ li hekk kien jemmen. Jekk kważi inbiddel kollox bejn l-antik u ta' llum din ir-rabta spiritwali għandha tibqa' b'saħħitha llum u għal dejjem.